# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 34

It-Tlieta, 13 ta' Marzu, 2018

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fis-13:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
Martina Cassar – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marianne Sagona – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 34.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

34.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

34.1.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi dwar il-website, s'issa tkellimna mal-kumpanija Keen sabiex jagħtuna kwotazzjoni pero' tlabna erba' kwotazzjonijiet.

34.1.3 Is-Sindku spjega illi tkellem mas-Sur George Micallef tal-WSC sabiex jara jekk hemmx bżonn li jsiru xogħolijiet minn naħa tal-WSC fi Triq il-Wileg u Triq id-Duluri waqt li jkunu qed isiru x-xogħolijiet minn naħa tal-Kunsill. Is-Sur Micallef għarrfu illi l-main ta' dawn it-toroq għadu ġdid iżda jkun hemm bżonn li jsiru s-servizzi. Id-Deputat SE qalet li ser tikteb lill-Inġinier Mark Perez sabiex jagħtina l-informazzjoni bil-miktub. Hija ġibdet l-attenzjoni illi dawn l-ispejjeż flimkien mal-ispejjeż tal-Perit ser ikunu spejjeż addizzjonali li mhumiex koperti bil-fondi tal-Ministeru għal Għawdex.

34.1.4 Is-Sindku fakkar illi dwar il-Clean Up Day, din ser tiġi organizzata flimkien mal-Kumitat tad-Dwejra. Ġie deċiż illi nitolbu lill-*Public Cleansing Department* sabiex jinġabru l-boroż tal-iskart wara l-attivita'.

34.1.5 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u d-Deputat SE.

## 34.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

34.2.1 Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi ta l-kondoljanzi tiegħu lill-Kunsillier Franco Buhagiar għat-telfa ta' missieru fil-ġimgħa li għaddiet. Is-Sur Buhagiar irringrazzja lill-Kunsill tas-solidarjeta' li wera miegħu waqt dan il-mument diffiċli.

34.2.2 Is-Sindku semma illi tkellem mal-kumpanija tal-ajru sabiex naraw meta se jkunu l-ġranet meta l-Kunsill se jtella' n-nies ġewwa l-Croatia pero' d-dati għadhom mhumiex konfermati.

34.2.3 Is-Sindku qal illi l-kuntrattur Joe Grima qed jitlob għall-ħlas tiegħu għax-xogħolijiet li saru ġewwa l-Playing Field. Wara parir tal-Accountant, il-Kunsill iddeċieda li jgħaddilu l-ħlas ta' Eur6,000.

34.2.4 Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill illi d-Dipartiment għal Gvern Lokali ser ikun qed japplika għal xi fondi biex jgħin lill-Kunsilli fuq proġett taħt il-Programm LIFE+. Il-Kunsilli qed jintalbu illi juru l-interess tagħhom għal xiex jixtiequ japplikaw. Il-Kunsill iddiskuta u ddeċieda illi japplika għal trakk li jkun jista' jintuża minn ħaddiema tal-Kunsill sabiex iġorru xi materjal jew għodda. Ġie deċiż illi ċ-*charging station* tkun fi Triq Nicholas Monsarrat.

34.2.5 Is-Sindku ssuġġerixxa li bħala misura ekoloġika biex nevitaw l-użu tal-plastic, għandu jsir vit b'sistema ta' *reverse osmosis* ġewwa l-Pjazza sabiex wieħed ikun jista' jimla l-ilma minn ġo dan il-vit. Huwa ta l-idea illi nitolbu lil Eko Għawdex

sabiex isir dan il-proġett u l-vit jeħel fil-post fejn kien hemm l-għajn ta' l-ilma. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva u ġie deċiż li ssir it-talba f'dan sens.

34.2.6 Is-Sindku qal li rċevejna email mill-Ministeru għal Għawdex fejn jidher li sar *dumping* ta' xi mbarazz ġewwa xi għalqa pubblika fil-limiti ta' San Lawrenz. Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ser jara dwaru.

34.2.7 Is-Sindku qal li rċevejna rapport dwar xi nuqqasijiet li jidhru ġewwa r-raħal fosthom il-latrina tad-Dwejra li għandha bżonn titranġa, speċjalment is-saqaf. Il-Kunsill qabel illi nagħmlu talba lid-Direttur tat-Turiżmu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħtu l-għajnuna tagħhom biex titranġa din il-latrina.

34.2.8 Irċevejna email mill-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar fejn qed jitolbu biex iġibu grupp ta' madwar mitt ruħ f'Lulju u l-Kunsill Lokali San Lawrenz jipprovdi l-breakfast. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u ddeċieda li għal din is-sena minħabba problema ta' finanzi aħjar tiġi evitata.

34.2.9 Is-Sur Noel Gallo ikkuntattja lis-Sindku dwar kunċert li ser issir ġewwa l-Parroċċa ta' San Lawrenz minn żewg organisti. Is-Sur Gallo talab l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill sabiex ikun jista' jittella' dan il-kunċert. Is-Sindku qal li peress li l-Kunsill ma jistgħax joħroġ flus minħabba l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu, huwa ssuġġerixxa illi nġibu sponsor mill-Lukanda Kempinski u nieħdu l-permess mingħand il-Kappillan sabiex isir dan il-kunċert. Il-Kunsill qabel ma' dan.

34.2.10 Irċevejna email mingħand Dr Amanda Bezzina illi qegħda titlob post għal Child Care Centre. Il-Kunsill iddiskuta jekk għandux jikri l-kamra ta' ġo l-iskola bħala Child Care Centre. Wara diskussjoni, ġie deċiż illi l-kamra ma tinkeriex bħala Child Care Centre iżda għandha ssir Bye-Law sabiex tinkera għal affarijiet oħra, jiġifieri mhux speċifikament bħala Child Care. Ġie deċiż illi t-talba għall-kera tkun ta' Eur 300 fix-xahar u għalhekk għandu jibda l-proċess biex issir din il-Bye-Law.

34.2.11 Is-Sindku ppreżenta r-riżultat tal-applikazzjoni tar-Restawr li kienet ħarġet mill-Ministeru għal Għawdex, liema applikazzjoni ġiet rifjutata.

34.2.12 Il-Kunsill irċieva invoice tal-Gozo Action Group Foundation għall-membership tas-sena 2018 għall-ħlas ta' Eur500. Sar qbil li għalissa ma titħallasx peress li għadna kemm ħallasna tas-sena li għaddiet.

## 34.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

34.3.1 Is-Sinjura Carmela Grima staqsiet dwar is-servizz il-ġdid tal-iskip. Is-Sindku spjega illi d-darbtejn li għaddew kien hemm ħafna rimi li mhux suppost jintefa fl-iskip u għalhekk il-Kunsill ser ikollu jħallas it-*tipping fees* tagħhom. Il-Kunsill qabel illi nhar is-Sibt li ġej nibgħatu lill-ħaddiem tal-Kunsill sabiex jaqta' l-ħaxix f'dan l-istess post fejn ikun hemm l-iskips u fl-istess ħin jissorvelja x'qed jintrema ġo l-iskips.

## 34.4 Gozo Alive

Il-Ministeru għal Għawdex ser ikun qed itella' weekend ta' attivitajiet bejn it-18 u l-20 ta' Mejju madwar Għawdex kollu bl-isem ta' Gozo Alive. Il-Ministeru stieden lill-Kunsilli sabiex min jixtieq itella' attivita' u l-fondi ikunu b'50%. Is-Sindku ssuġġerixxa illi ssir attivita' maċ-Ċentru tad-Dwejra fid-19 ta' Mejju, li fiha nistiednu lil tal-Aquarium ta' Malta kif ukoll lecture minn Profs Alan Deidun fost l-oħrajn. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 34.5 Kuntrattur ta' Manutenzjoni ta' *Street Lighting*

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni illi qed ikun ħafna dawk id-drabi illi l-Kunsill Lokali jirrapporta ħsara fuq bozza u din iddum ma titranġa ħafna, apparti li l-Kunsill idum iċempel u jiġri wara l-kuntrattur. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-possibilta' li jqabbad kuntrattur differenti. Ġie diskuss illi jekk jitqabbad kuntrattur ġdid, dan ikun jista' jibdew bozoz ta' fanali, ta' ġonna, u bozoz oħra li mhumiex mill-bozoz il-ġodda li kien għamel il-Gvern. Ġie għalhekk deċiż illi nitolbu tliet kwotazzjonijiet għal kuntrattur ġdid.

## 34.6 Cinema fil-Pjazza

Is-Sindku spjega illi avviċinawh xi persuni sabiex bħala parti mill-attivitajiet li qed isiru għal Valletta2018, isir Cinema ġewwa l-Pjazza ta' San Lawrenz. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li ssir din l-attivita'.

## 34.7 Urban Improvement Funds – Monument ta' San Lawrenz

Is-Sindku qal illi peress li l-applikazzjoni għar-restawr tal-monument ta' San Lawrenz ġiet rifjutata, din l-*area* xorta għandha bżonn ta' *embellishment*. Huwa ssuġġerixxa li jintużaw il-fondi tal-UIF sabiex isir dan l-*embellishment*. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea u sar qbil li nqabbdu lil Perit Mariella Xuereb.

## 34.8 Spazji ta' Parkeġġ fi Triq il-Wileġ u Triq Ċangura

Is-Sindku qal li kien hemm min talbu li jiġu mmarkati l-ispazji tal-parkeġġ ġewwa Triq il-Wileġ u Triq Ċangura. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja iżda ma ħax deċiżjoni dwar x'inhi l-aħjar ħaġa li ssir. Għalhekk ġie deċiż illi nitkellmu mal-Perit Mariella Xuereb sabiex ittina l-idea tagħha.

## 34.9 Noħolqu pressjoni dwar is-sostenibilita' tal-popolazzjoni fir-raħal ta' San Lawrenz

Is-Sindku saħaq illi, fil-fehma tiegħu, wasal iż-żmien illi niktbu ittra lill-Prim Ministru, il-President ta' Malta u l-Isqfijiet fost oħrajn, sabiex jieħdu in konsiderazzjoni x'jista' jiġri mill-irħula ż-żgħar bħal San Lawrenz fi żmien għoxrin sena oħra. Is-Sur Franco

Buhagiar żied jgħid illi huwa attenda għal laqgħha mal-Ministru għal Għawdex illi ssuġġeriet li jkun hemm *social housing*. Il-Kunsill qabel li tinkiteb din l-ittra.

## 34.10 Ħatra ta' Bordijiet ta' Evalwazzjoni għall-offerti ta' Miżura 4.3 u Electric car & bicycles

Il-Kunsill iddeċieda illi l-Bordijiet ta' Evalwazzjoni għall-offerti ser ikunu kif ġej:

Offerta għal xogħolijiet taħt Miżura 4.3: Chairman: William Sultana, Membri: Accountant Pauliana Agius, Dr Joshua Grech, Perit Shawn Micallef u s-Segretarju Eżekuttiv.

Offerta għal Electric Car & Bicycles: Chairman: William Sultana, Membri: Accountant Pauliana Agius, Dr Joshua Grech, Inginier Josef Micallef u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 34.11 Ilmenti u Suġġerimenti

34.11.1 Il-Kunsill iddiskuta u ddeċieda li ssir talba lid-Direttur tat-Turiżmu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex isiru tabelli bil-kelma *'Slippery'* tal-*istainless steel* ġewwa l-*Inland Sea* fid-Dwejra u jitpoġġa ukoll *safety ring* illi għal xi raġuni m'għadux hemm.

34.11.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi s'issa dejjem ħdimna b'Periti differenti u ma kellniex offerta ta' Perit. Huwa qal illi meta jkun hemm fondi tal-UE u l-ħlasijiet tal-Perit ikunu eliġibbli, il-Kunsill ma jkunx jista' jikkwalifika għalihom jekk ma jkunx ħareġ offerta pubblika għal dan il-għan. Għalhekk sar qbil illi toħroġ offerta għal Perit tal-Kunsill.

34.11.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali li kellu laqgħa mas-Surmast tal-iskola dwar proġett li jista' jiġi ffinanzjat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni imma li jrid ikollu l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li huwa ssuġġerixxa li nagħmlu mural bir-ritratti żgħar ta' nies mat-Tieqa tad-Dwejra li finalment tiġi l-forma tat-Tieqa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għandna ninfurmaw lis-Surmast.

## 34.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

Ġew imressqa ukoll xi kontijiet ta' Joseph Attard għal dumping ta' xi snin ilu. Il-Kunsill ma kienx ċert dawn il-kontijiet x'kienu jirrappreżentaw u għalhekk ġie deċiż li għalissa ma jiġux approvati sabiex tkun tista' ssir il-verifika meħtieġa dwarhom.

## 34.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fl-16:00 u ġiet aġġornata għall-10 ta' April 2018 fis-13:30.

Noel Formosa
Sindku

Marianne Sagona
Deputat Segretarju Eżekuttiv